MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1213/2001/1

**Marie Claudette Polidano.**

**vs.**

**Joseph Polidano.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewwget lill-konvenut fit-23 ta' Ottutrru 1998 gewwa il-Parrocca ta' San Guzepp, l-Imsida u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument “A”.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja

mizzewwga jew fuq id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali tieghu;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga;

Illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 li Jirregola iz-Zwigijiet**.

Illi l-istess attrici ghalhekk talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fit-23 ta' Ottubru 1998 huwa null u bla effett fil-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt biex jixhed in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbali tal-4 ta' Frar 2002, tal-11 t'April 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismugha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta.

Rat in-nota tal-konvenut tat-2 ta' Mejju 2002 fejn ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni attrici (fol 12 tal-process).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 13 fejn gie eccepit:-

1. Preliminarjament, l-eccipjent jiddikjara li ma jopponix it-talba attrici li l-imsemmi zwieg bejn il-partijiet kontendenti jigi dikjarat null u bla effett ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suecceppit, l-eccipjent jiddikjara illi l-allegazzjonijiet mressqa mill-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi effettivament, in-nullita' taz-zwieg huwa mputabbli lill-attrici.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 14 tal-process;

Rat il-verbal tad-29 ta' Mejju 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet ta' 40 jum kull wiehed.

Rat in-nota tal-attrici tat-2 t'Awissu 2002 fejn gew prezentati tlett affidavits (fol 17 sa 29).

Rat in-nota tal-konvenut fejn esebixxa l-affidavit tieghu stess (fol 31 sa 34).

Rat il-verbal tat-28 ta' Novembru 2002 fejn dehru Dr Graziella Bezzina ghall-konvenut prezenti u Dr Edwina Grima ghall-attrici prezenti li nformaw lill-Qorti li l-provi gew konkluzi, ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Gunju 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### <u>(A) PROVI.</u>

Illi fl-affidavit taghha **l-attrici** ddikjarat illi:

*"Jiena iltqajt mal-konvenut meta kelli madwar sittax-il sena. Hu kellu erbgha u ghoxrin sena. Nghid illi l-konvenut huwa seba' snin ikbar minni. Jiena kont habiba*

*ta' oht il-konvenut, Rose u darba minnhom hija kienet talbitni biex immur nghinha fir-restaurant tal-familja taghhom, u jiena hemmhekk kont iltqajt mieghu. Dak iz--zmien Rose kienet gharusa maz-ziju tieghi u cioe' hu ommi. Jiena dak iz-zmien kont ghadni kemm nispicca mill-iskola".*

*"Minn hawnhekk jiena bqajt immur nghin lill-familja tal-konvenut fir-restaurant taghhom u bdejt ninnamra mal-konvenut. Wara li naghlqu il-hanut, konna nohorgu flimkien u mmorru niehdu xi gelat. B'hekk ahna bdejna nohorgu regolarment flimkien. Jiena hajti kont inqattaghha gewwa ir-restaurant. Nista' nghid illi l-eghrusija jiena kont qattajtha fir-restaurant u konna nohorgu biss darba fil-gimgha nhar ta' Tnejn meta l-hanut kien ikun maghluq".*

*"Xi xahrejn wara li jiena ltqajt mal-konvenut bdejt nahdem mal-Foster Clarks u l-gurnata tieghi kont inqattaghha mix-xoghol tieghi ghal gewwa r-restaurant. Kont naghmel kull tip ta' xoghol gewwa r-restaurant, inservi l-ikel, kaxxiera, nahsel u nsajjar, kont nghin insomma f'kollox. Ghalhekk nista nghid illi ahna ma kienx ikollna hin flimkien wahedna u anke meta konna nohorgu nhar ta' Tnejn, il-konvenut kien igib lill-siehbu u t-tfajla tieghu maghna u ghalhekk wahedna ma konniex inkunu".*

*"Din it-tip ta' hajja baqghet l-istess sa Ottubru ta' l-1998, meta zzewwigna u cioe` ghal madwar tlett snin. Ghalhekk madwar tlett snin wara li bdejna nohorgu flimkien ahna zzewwigna. Nghid illi it-tmexxija tar-restaurant kienet fdata kompletament f'idejn il-konvenut. Nghid illi huwa kien ikollu hafna pressure minn missieru ghaliex missieru kien jippretendi li l-konvenut jiehu hsieb kollox gewwa l-hanut mill-icken haga sal-iktar haga mportanti. Missieru ma kienx ighinu. Nghid ukoll illi missieru kien imbaghad marad u ghamel operazzjoni serja barra minn Malta madwar sena u nofs qabel qabel iz-zwieg. Dan zied mal-piz li kellu l-konvenut fuq spallejh. Nghid illi ghalhekk f'din is-sena u nofs ta' qabel iz-zwieg il-konvenut kellu biss il-hsibijiet tal-hanut u tal-marda ta' missieru fuq mohhu. Jiena min-naha tieghi kont inhenn ghalih mete narah b'din it-tensjoni. Xi sena qabel iz-zwieg ahna ffissajna d-data*

*tat-tieg. Nghid illi l-preparamenti ghat-tieg kienet hadet hsiebhom kwazi kollha ommi peress li l-konvenut halla kollox f'idejja filwaqt illi jiena ma tantx kelli hin bejn x-xoghol tieghi u tal-hanut. Missieri kien kontra l-ideja illi jiena nizzewweg peress illi dehrlu illi jiena kont ghadni zghira wisq biex niehu dan il-pass u ghalhekk ma gheni bl-ebda mod biex nizzewweg. Hadet hsieb kollox ommi".*

*"F'dan il-perjodu u cioe` madwar sena qabel iz-zwieg beda il-glied bejnietna. Konna niggieldu fuq l-icken haga. Konna nispiccaw nghajjtu f'wicc xulxin gewwa r-restaurant. Kien jaqbaddli hafna argumenti fuq ix-xoghol peress illi riedni nieqaf nahdem u nghinu biss fil-hanut. Jiena ma stajtx nieqaf nahdem. Anke mete kont immur l-ikla ma' shabi tax-xoghol, l-ewwel kien ighidli biex immur, imbaghad mete jigi ghalija jaqla xenata shiha. Ghalhekk mhux l-ewwel darba li kont norganizza l-ikla fir-restaurant tieghu biex ma jaqlax argumenti, izda xorta wahda ma kienx ikun kuntent. Jiena kont nahseb illi kien jaqbad mieghi minhabba il-pressure li kellu tal-hanut u ta' missieru ghaliex kif kont nghidlu nofs ta' kelma kien jibda jiggieled mieghi, izda ghandi nghid illi wara z-zwieg l-affarijiet marru ghal aghar".*

*"Madwar sitt xhur qabel iz-zwieg, inqala' incident serju bejnietna. Kien gie organizzat surprise birthday party mill-hbieb tieghi tax-xoghol gewwa flat tas-Sliema. Jiena ma kontx naf b'dan u kont ghedt lil Joseph biex jigi ghalija Hanks gewwa San GIljan ghaliex hemm min ghalija kont sejra. Kif wasalt gewwa dan l-appartament u rajt illi l-festin kien ser isir hemmhekk, cempilt lil Joseph minnufih u ghedtlu biex jigi ghalija hemmhekk kif jispicca dan il-festin. Jiena ghamilt serata shiha inkwetata ghaliex kont nobsor illi hu ma kienx ha gost b'dan. Mete gie ghalija huwa kien fis-sakra. Konna fthiemna ma' hbiebi illi wara il-festin hekk kif jigi Joseph ghalija, imorru gewwa bar il-Belt biex niehdu drink hemmhekk. Izda kif dhalt fil-karozza u rajt lil Joseph f'dik il-kundizzjoni, jiena ghedtlu biex iwassalni d-dar l-Imsida u hu jibqa' sejjer id-dar B'Bugia. Kif ghedtlu hekk huwa ntilef, qabaddni minn ghonqi u sabbatni mal--hgiega tal-karozza, beda jidghi u jghajjat mieghi. Jiena nzilt millkarozza w irnexxieli mmur sa hdejn il-karozza ta'*

*habiba tieghi ghall-ghajnuna. Huwa nizel mill-karozza u mar ihebb ghal zewgt ixjuh li kienu ghaddejjin f'dak il-hin. F'dak il-mument kienu ghaddejjin zewg pulizija, li marru jzommuh u arrestawh. Ghamel lejl l-Ghassa u l-ghada tressaq il-Qorti. Wara dan kollu spiccajt hadt it-tort Jiena ghaliex ommu dehrilha li dak kollu li kien gara kien kompletament tort tieghi. Jiena ma kont ghedt b'xejn minn dan l-episodju lill-genituri tieghi. Jiena kont nahseb illi din l-imgieba tieghu kienet gejja min tensjoni li kellu u mhux ghaliex dan kien il-karattru tieghu".*

*"Ahna bqajna ghaddejjin bil-glied sal-gurnata tat-tieg. Nghid illi ahna konna xtrajna post ftit 'il fuq mill-hanut gewwa B'Bugia u konna anke hadna loan biex inhallsu d-dar. Izda missieru kellu bzonn il-flus ghall-hanut u ghalhekk insista mal-konvenut illi l-loan jehodha hu u ahna morru nghixu gewwa razzett illi missieru kellu gewwa Benghajsa. Nghid illi l-konvenut kien dejjem jisma' minn dak li jghidlu missieru u ghalhekk ahna hekk konna ghamilna. Fil-fatt l-ewwel xahrejn ta' wara z-zwieg ahna morna nghixu ghand il-genituri tieghu peress li konna ghadna lanqas irrangjana r-razzett. Dan ir-razzett kien f'post imwarrab hafna u nghid illi l-konvenut lanqas kien ihallili l-karozza."*

*"Fil-gurnata tat-tieg taghna ahna kellna glieda wkoll. Dan gara waqt it-tieg stess meta ahna konna morna biex inbiddlu il-hwejjeg ghal "going away". Nghid illi l-konvenut kien xorob hafna u kien fis-sakra. Beda jinsisti illi jaqbad il-microphone w ikanta s-song "Like a virgin". Jiena bdejt ninsisti mieghu biex dan ma jghamlux. Kien semaghni z-ziju tieghi u qallu illi kien ikun ahjar li ahna mmorru nbiddlu milli jaghmel xi xenata bhal din. Meta mbagahd tlajna fil-kamra, hekk kif dhalna, kien qabadni minn ghonqi u sabbatni mal-gwardarobba. Jiena bdejt nibki u wara ftit waqaf u bada ibiddel. Kien qalli: "issa jiena nikkmanda". Kien qalli illi ftit qabel it-tieg huwa kien mar ghand iz-zija tieghu u xorob flixkun inbid."*

*"Anke matul il-qamar il-ghasel, konna il-hin kollu niggieldu. Nghid illi kienu gew maghna iz-zijiet tieghu. Fl-ewwel lejl li qattajna il-Germanja konna iggieldna sew. Meta morna l-*

*Amerka kellna glieda ohra serja tant illi kienu gew is-security tal-lukanda biex jaraw jekk kellhiex bzonn l-ghajnuna. Domna xahar barra minn Malta u f'dan ix-xahar konna il-hin kollu niggieldu anke fuq l-icken haga."*

*"Il-hajja mizzewwga taghna bdiet fil-glied u jiena ghalhekk kont inkun imdejjqa hafna tant illi wara sitt xhur kont inqast hafna fil-pis. Il-konvenut dejjem kien jahseb illi jiena kont qed naghmel xi dieta u kien jiggieled mieghi minbabba f'dan u ghalkemm kont ninsisti mieghu illi ma kontx qed naghmel dieti huwa ma kienx jemmini u jaqla xenati shah. Darba minnhom kien qajjem xenata gewwa restaurant ciniz fejn konna morna nieklu mal-familja taghna. Kont ghedtlu li qed nonoqs u hu beda jirrabbja, dam u ghola il-mejda bl-ikel b'kollox. Jiena kont sthajt hafna u bzajt minn din ir-reazzjoni.  Jiena kont spiss nghidlu li kont imdejjqa u kont nitolbu biex ifittex l-ghajnuna halli ibiddel il-karattru tieghu, izda hu ma kienx jaghti kasi. Hu kien jehodni "for granted".*

*"Jiena bqajt nghix imdejjqa hafna ghaliex il-konvenut kien jaqla' argument fuq kollox. Jiena kont ukoll qed nghejja hafna ghaliex kelli ix-xoghol tieghi, kont immur nghinu fil-hanut u kelli niehu hsieb id-dar. Kien jippretendi illi insajjarlu u hekk kont naghmel ghalkemm setgha jiekol mir-restaurant. Flus qatt ma taghni ghaliex kien ighidli illi jiena ghandi il-paga tieghi u ghalhekk ma ghandhiex bzonn flus minn ghandu. Qatt ma hadt sold minn ghandu. Jiena qatt ma stajt nieqaf nahdem u dana peress illi kien jiddependi minn missieru biex jithallas u il-qliegh mill-hanut kien jinqasam bejnu, bejn il-genituri tieghu u bejn ohtu. Ghalkemm huma dejjem hallsu lill-impjegati, jiena qatt ma hadt flus talli kont nghinhom."*

*"Iz-zwieg taghna dam fuq saqajh ghal sena u xahrejn meta jiena tlaqt mid-dar. Dan kien f'Marzu fis-sena 2000. Ahna isseparajna permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fit-8 ta' Gunju 2000. Fil-hajja mizzewwga taghna ftit li xejn konna inqattghu hin wahedna flimkien. Rari hafna li konna nohorgu wahedna ghaliex dejjem bil-familja tieghu maghna. Kienu jiddominawh hafna. F'Dicembru 1999 jiena kont hrigt tqila. Din it-tqala ma kienitx ippjanata u dana*

*peress illi jiena qatt ma xtaqt ikolli it-tfal fl-atmosfera li konna qeghdin nghixu fih. Meta indunajt li kont tqila, jiena hadtha bil-kbira ghaliex bdejt nara illi jiena ma stajtx nitlaq. Fil-fatt peress illi ma stajtx niflah inkompli nghix f'din il-hajja jiena kont iddecidejt illi wara Dicembru nitlaq mid-dar. Ghalhekk f'dak il-hin jiena bdejt nibki u nirrabja mal-konvenut ghaliex kont hrigt tqila. Huwa f'dak il-hin qalli illi jiena kont qed nibki ghaliex it-tarbija ma kienitx tieghu. Meta ommu kienet giet tifrahli gewwa il-hanut, kien gie jghajjat u ighidlha: "fuq kollox ghaliex qed tifrah, mela jiena naf jekk it-tarbija hijiex tieghi". Waqt it-tqala l-konvenut bada jiggieled mieghi u sahansitra kien jerfa' jdejh fuqi. Kien ikaxkarni minn xaghri meta kont nheddu li ser nitlaq mid-dar."*

*"F'Marzu jiena tlaqt mid-dar. Joseph kien iwassalni kuljum ghax-xoghol u jerga' jigi ghalija. Dak in-nhar li jiena tlaqt mid-dar kien qieghed iwassalni ix-xoghol u jiena ghedtlu li jekk ma kienx bi hsiebu jirranga l-karattru tieghu jiena kont ser immur inkellem avukat. Dak in-nhar huwa ma giex ghalija wara x-xoghol bhas-soltu u ghalhekk jien iddecidejt li ma mmurx lura d-dar u bqajt sejra bil-mixi minn San Gwann sal-Imsida ghand il-genituri tieghi. Hawn hekk kelli xi tlett xhur tqala. Ftit jiem wara kienet giet ohtu Rose ghalija u kienet haditni B'Bugia biex nippruvaw nirrangaw, izda malli wasalt, il-konvenut ma ridniex nidhol u talab lill-ohtu biex tkeccini 'l barra. Kien ghamlilha xenata u beda jghajjat mieghi. Jien ghalhekk qattajt gimgha hemm hekk izda ma stajtx nissaporti iktar u tlaqt definittivament. Il-konvenut kien beda il-proceduri tas-separazzjoni kontra tieghi ghaliex ried jissepara qabel ma titwieled it-tarbija ghaliex baqa' jinsisti li t-tarbija ma kinetx tieghu u ghalhekk issepparajna xahrejn wara."*

*"Wara li sseparajna, il-konvenut baqa' jinsisti illi t-tarbija ma kinetx tieghu. Fil-fatt fil-kuntratt tas-separazzjoni huwa ried inizzel kundizzjoni li jmantni lit-tarbija biss jekk wara it-twelid din tirrizulta li hija wild naturali tieghu. Fil-fatt wara li t-twelid kien sar il-konvenut insista biex isir it-test tad-DNA u rrizulta illi fil-fatt huwa kien missier it-tarbija."*

*“It-tifel illum ghandu sena u disa’ xhur u jara lit-tifel biss madwar darba fil-gimgha. Nara illi jaghmel dan ukoll bi sforz. Jaghtini Lm80 fix-xahar bhala manteniment. Izda nghid illi ma hemmx bonding bejnu u bejn it-tifel. Meta jiehdu nhar ta’ Tnejn jiehdu ghal ftit sighat gewwa il-bar ta’ siehbu. It-tifel anqas ikun irid imur mieghu.”*

*“Illi ghalhekk ghandi nghid illi zewgi qatt ma kien kapaci jerfa’ r-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewga u dan ghaliex il-hajja mizzewga taghna kienet dejjem ikkaraterizzata bil-vjolenza illi huwa kien jezercita fuqi, kemm fizika kif ukoll morali. Dan il-karattru tieghu kien prezenti sahansitra qabel iz-zwieg, izda jien dejjem ittamajt li kien sejjer jinbidel u kont nahseb illi dawn ir-reazzjonijiet vjolenti kienu minhabba l-pis li huwa kellu jerfa’ fuq ix-xoghol. Izda wara z-zwieg l-affarijiet marru ghall-aghar.”*

Illi fl-affidavit tieghu **il-konvenut Joseph Polidano** sostna:

*“Nibda billi nghid illi jiena nahdem f’restaurant f'Birzebbugia, li dak iz-zmien meta bdejt nohrog ma' Claudette, kien tal-familja. Fil-fatt jien ltqajt ma' Claudette fl-istess restaurant peress illi ohti Rose kienet qed tohrog maz-ziju ta' Claudette, u kienet tigi maghha ghall-kumpanija. Dak iz-zmien kienet ghadha zghira, fis-sens illi kienet waslet biex tispicca mill-iskola, u milli taghtni x'nifhem ma tantx kienet tohrog wahedha.*

*Illi Claudette kienet saret habiba ma' ohti Rose, u dan minkejja l-fatt illi kien hemm qabza fl-eta', peress illi hemm seba' (7) snin differenza. Minn dak iz-zmien, jiena u Claudette bdejna nohorgu flimkien. Madankollu, nixtieq nispjega illi fost il-gimgha u fil-weekend, ftit li xejn konna nohorgu peress illi minhabba l-impenji tar-restaurant fejn kont nahdem, u fejn kienet taghti daqqa t’id Claudette, kont inkun imhabbat kuljum peress illi jien nahdem fil-kcina Madankollu, kull nhar ta' Tnejn kienet gurnata ghalina, peress illi dakinhar ir-restaurant ma konniex nifthuh.*

*Nixtieq nghid illi jiena dejjem tajt importanza lix-xoghol tieghi; madankollu, ma jidhirlix li kont nittraskura lil Claudette.*

*Madwar tlett (3) snin wara li bdejna nohorgu flimkien, ohti Rose zzewget liz-ziju ta' Claudette. Claudette wriet entuzjazmu kbir ghall-preparattivi li kienet ghaddejja minnhom ohti. Fil-fatt hekk kif ohti zzewget, Claudette bdiet issemmi li riedet tinghaqad fiz-zwieg ukoll. Fil-fatt, nista' nghid illi jien dhalt fiz-zwieg fuq insistenza ta' marti, u mhux ghax hassejt il-htiega; jien stajt komplejt ftit tas-snin ohra fl-gherusija, izda peress illi kien hemm insistenza minn Claudette, jien ma qghadtx nargumenta, ghax kont qed nirraguna li xi darba kien ser jasal iz-zmien li nizzewweg, u ladarba kienet daqshekk herqana, lanqas ridt niddeludiha. Pero` nhoss illi din l-ghaggla kollha ghaz-zwieg giet mhux ghax riedet li tinghaqad fiz-zwieg mieghi, izda ghax kienet thajjret minn ohti.*

*Illi jien naf ukoll, illi Claudette kellha hafna issikkar mid-dar, fis-sens illi ommha u missierha ma kienux iridu li tohrog wahedha. Fil-fatt ghalhekk kienet tigi r-restaurant ma' ohti Rose u z-ziju taghha, peress illi l-genituri taghha ma kienux ihalluha tohrog wahedha. Fil-fatt anke waqt l-gherusija taghna, il-genituri taghha xorta kienu jissikkawha, u ma kienx ikollna hafna hin x'inqattghu flimkien, peress illi l-hin kien hin ghal-genituri taghha, u anke meta kienet tkun mieghi, fil-hin li jghidulha tidhol, kienet trid tkun id-dar. Ghalhekk, hi kienet qed tara z-zwieg bhala opportunita` biex titlaq mid-dar u minn mal-genituri taghha. Fil-fatt hi kellha biss dsatax-il sena (19) meta zzewigna, filwaqt illi jiena kelli seba' u ghoxrin (27) sena.*

*Illi jien ma kont involut bl-ebda mod fil-preparativi qabel iz-zwieg. L-involviment tieghi kien ristrett biss ghax-xiri tax-xorb. Jien la nvolvejt ruhi, u lanqas Claudette ma nvolvitni. Hallejt f'idejha, ghax ghaliha kien l-ghaxqa taghha li taghmel, flimkien ma' ommha, l-arrangamenti kollha.*

*Illi fil-fatt, jien u Claudette izzewwigna madwar sena wara li zzewget ohti. Claudette riedet li jkollna l-istess tip ta' zwieg, u fil-fatt hekk ghamilna, tant illi morna l-istess post ghal-*

*honeymoon bhal ma marret ohti, u dan kollu fuq insistenza ta' Claudette.*

*Illi flit zmien wara li Claudette bdiet tigi r-restaurant, jien sibtilha x-xoghol ma' Foster Clarks Limited. Dak iz-zmien hi kienet tigi r-restaurant fil-weekend biss. Fost il-gimgha konna niltaqghu wara li nghalaq ir-restaurant, u dan kien ikun ikun wara l-ghaxra, u ghalhekk jien kien ikolli immur id-dar tal-genituri taghha biex niltaqghu.*

*Nixtieq nghid illi jien ghamiltha cara hafna lil marti illi jien xtaqt illi hi tieqaf mix-xoghol ladarba nizzewgu. Jiena kont qed ninsisti maghha li tieqaf mix-xoghol peress illi jien kont tal-fehma li bil-paga stajna nghaddu. Fil-fatt il-paga taghha kienet izzommha kollha hi, u kienet tonfoqha fuq il-hwejjeg u affarijiet ghaliha stess. Jien qatt ma nqastha mill-flus. Madankollu, wara li zzewwigna hi xorta baqghet tahdem. Ghall-bidu, din ma kienetx problema ghalija, izda bdejt ninnota illi kienet qed tippreferi l-kumpanija ta' shabha tax-xoghol milli tieghi. Ghalhekk bdew jinqalghu l-problemi bejnietna.*

*Iz-zwieg taghna kompla tgharraq meta Claudette skopriet li kienet harget tqila. Dan kien madwar sena u tlett xhur wara li zzewwigna. Ghalkemm din it-tqala ma kienetx ippjanata, ghalija din kienet okkazzjoni ta' ferh. Izda ma nistax nghid l-istess ghal Claudette. Filfatt meta qaltli li harget tqila, dan qalituli bid-dmugh f'ghajnejha u b'hafna rabja u nervi. Qaltli li hi ma kienetx trid li jkollha tfal mieghi ghalissa. Ghalhekk jien bdejt nahseb hazin, u bdejt nissuspetta li kien hemm hadd iehor involut. Meta sirt naf li kienet tqila insistejt maghha li tieqaf mix-xoghol. Pero` hi rrifjutat, u ghalhekk l-affarijiet bejnietna marru ghall-aghar, tant illi nfridna qabel ma twieled it-tifel.*

*Illi ghalhekk il-hajja mizzewga taghna kienet wahda qasira hafna. Filfatt, Claudette taghtni x'nifhem illi hi kienet diga', qabel ma harget tqila, ghamlet il-hsieb li tinfired minn mieghi. Fil-fatt, ghalkemm hi kienet tqila, xorta baqghet ghaddejja ghas-separazzjoni, u fil-fatt infridna bil-Qorti f'Gunju 2002, sena u tmien xhur wara li zzewwigna."*

## (B) IL-KAWZA ODJERNA

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li z-zwieg taghha mal-konvenut jigi ddikjarat null u bla effett *stante* li qed issostni li l-istess zwieg kien vizzjat peress li l-partijiet kellhom difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha; il-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga dan kollox ghat-termini tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f)** tal-**Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

## (C) LIGI U GURISPRUDENZA

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:

**"Artikolu 19 (1**) *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

**(d)** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

**(f)** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha

mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi fil-fatt inghad li l-kuncett ta’ d-diskrezzjoni ta’ gudizzju *“supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly”* .

*“Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from ‘amentia’, not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage … … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …” .*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard in*** **‘L’immaturite’ et le consentement matrimonial”** (pg. 54-55***)*** jghid is-segwenti:-

*“The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple’s equilibrium, the relation of behavioural disorders to the ‘ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life.”*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga’ kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg”** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u **“Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza

fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002; **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack 'of discretion of judgment' when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-****Kap 255****, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an*

*environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi skond il-gurisprudenza nostrali d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenjzlai taz-zwieg gew indirizzati b'dan il-mod fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) inghad li:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li vermament ikun irid johloq 'a partnership for life'.*

*"Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossubilta' taz-zwieg, l-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn biss a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza **"Micallef vs Micallef'** deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-*

*mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, il-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Awissu1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot il-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il--Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe` l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-

Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indissolubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta` u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indissolubbilta` fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J*. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*,** fii-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indissolubilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci*

*li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

## (D) Apprezzament tal-Provi.

Illi mill-provi prodotti fl-opinjoni ta' din il-Qorti jirrizulta b'mod mill-iktar sodisfacjenti li l-konvenut fil-mument taz-zwieg ma kellux il-kapacita` volittiva u d-diskrezzjoni necessarja li jikkoncepixxi dawk li huma l-elementi essenzjali taz-zwieg, u dan peress li affett kif kien mill-preokupazzjoni tieghu dwar il-hanut li kellu missierhu, u mhasseb sew fuq is-sahha ta' missieru, anke fil-kuntest tat-tmexxija tal-istess *restaurant*, jirrizulta car li huwa kkonsidra u hares lejn l-attrici biss bhala persuna li kienet tista' tghinu sabiex ilahhaq mar-responsabbiltajiet tieghu f'dan ir-rigward u xejn izjed. Fil-fatt jidher car mill-provi prodotti mill-istess attrici, li jirrizultaw kandidi u konvincenti, li mill-bqija huwa tratta lill-istess attrici litteralment bhala s-suditta tieghu, b'dan li jew taghmel dak li jghidilha huwa, nkella kien kapaci juza' l-forza fuqha.

Illi ovvjament din il-percezzjoni tal-konvenut ghal dik li kellha tkun martu, hija kompletament zbaljata, u hawn jidhol ukoll fattur importatanti li jwassal ghall-vizzju ta' kunsens *da parte* tal-konvenut, *stante* li la darba huwa kkonsidra u hares lejn l-attrici biss bl-iskop sabiex jiddominaha, u jgibha taghmel dak biss li jaghidilha huwa, certament li jwassal ghall-konkluzjoni li l-istess konvenut kien ghadu immatur u mhux kapaci jifhem il-kuncett ta' zwieg innifsu, dan bhala ghaqda bejn zewg persuni ta' drittijiet u dmirijiet ugwali, li kienu ser jaghtu lilhom innifishom lil xulxin sabiex jahdmu ghall-gid komuni ta' xulxin fil-kumplament tal-hajja taghhom f'din id-dinja.

Illi dan in-nuqqas *da parte* tal-konvenut gie manifestat konsistentement fl-agir tieghu fil-konfront tal-attrici, kemm qabel u kemm wara z-zwieg, tant li jista’ jinghad li jghid x’jghid il-konvenut, dan ma jistax jahbi l-fatt li huwa kkonsidra lill-attrici bhala persuna li ghandha tissokombi ghalih, u fil-fatt bl-iktar mod degradenti fid-data tar-riceviment stess huwa ndika dak li kien jahseb dwar r-relazzjoni li kien ghadu kemm dahal ghaliha mal-attrici meta qalilha *“issa jien nikkmanda”.*

Illi min-naha tal-attrici jidher li din kienet ghal kollox nieqsa mill-kapacita` li tara car dak li kellha u kien qed jigri quddiem ghajnejha, u dan sforz l-eta` tenera taghha meta hija beda jkollha din ir-relazzjoni taghha mal-konvenut, li giet resa iktar serja mill-fatt li l-konvenut kien seba’ (7) snin iktar minnha, u hallietu jiddominaha ghal kollox.

Illi fil-fatt ghalkemm kienet thoss li ma kienetx qed tigi trattata sew, hija sforz l-immaturita` taghha, dejjem iggustifikat l-azzjoni tal-konvenut billi kienet tghid li dan qed issir minnu ghaliex huwa kien taht pressjoni minhabba s-sahha ta’ missieru u wkoll ir-responsabbiltajiet li huwa kellu fit-tmexxija tal-istess *restaurant*; pero` dan kien in effetti l-boghod mir-rejalta` *stante* li kienet l-attitudini tal-konvenut u l-karattru tieghu li kienu hziena, kif fil-fatt dan immanifesta ruhu meta l-partijiet bdew jghixu flimkien, fejn il-hajja tal-attrici giet resa miserabbli, sakemm ma felhitx aktar u kellha titlaq mid-dar konjugali ghalkemm kienet ghadha fil-bidu tal-ewwel tqala taghha.

Illi dak kontenut fl-affidavit tal-konvenut ma jbiddel xejn minn dan l-apprezzament tal-provi, u l-Qorti thoss li fix-xhieda tieghu l-istess konvenut qaghad attent sabiex jahbi ghal kollox id-dominanza li huwa kellu fuq l-attrici, izda f’dan l-aspett il-Qorti thoss, anke wara li ezaminat akkuratament il-provi prodotti, li l-istess verzjoni tal-konvenut ma hijiex verosimili u lanqas konvincenti. Jibqa’ l-fatt li jidher li l-konvenut qatt ma ried jasal f’kompromess mal-attrici, izda ried biss li dak li jghid jew jahseb huwa jsir. Il-hajja mizzewga certament ma tikkonsistiex f’dan il-kuncett zbaljat ta’ min jikkmanda, jew min huwa l-kap,

izda l-kuncett ta’ zwieg huwa mibni fuq l-ideja fundamentali li hemm unjoni ta’ zewg persuni ndaqs u ugwali li jahdmu u jhobbu lill-xulxin ghall gid tal-familja taghhom, u r-rispett lejn il-persuna l-ohra huwa l-bazi ta’ din l-unjoni unika fil-hajja tal-bniedem, mibnija fuq kollox fuq ir-rispett uman u l-ugwaljanza fiz-zwieg.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess jirrizulta li l-azzjoni attrici ghandha tirnexxi u dan iz-zwieg ghandu jigi ddikjarat null abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess jikkontrastaw b’xi mod ma dak hawn deciz, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fit-23 ta' Ottubru 1998 huwa null u bla effett fil-Ligi u dan skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

BI-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------